# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 9 ta'Jannar 2002

Citazzjoni numru 399/2000 AJM

Kawza numru

Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC gja Guardian Royal Exchange Assurance PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assikurat taghhom Frank Pace Bonello

Vs

Andre Joseph Callus

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-2 ta' Marzu 2000 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi l-vettura ABF 245 hija proprjeta' tal-assikurat u assikurata b'polza ta' assikurazzjoni 'comprehensive' mal-attur nomine; illi fit-2 ta' Awissu 1999 gol-Gzira, il-konvenut kien qed isuq l-vettura FAF 202 habat mal-vettura ABF 245 proprjeta' ta' Frank Pace Bonello u

misjuqa minnu, kkawza hsarat fuq din il-vettura u ghal dan l-incident kien hu unikament responsabbli minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut biss; illi l-attur hallas LM4513 (erbat elef hames mija u tlettax-il lira maltin); illi interpellat biex jhallas il-konvenut baqa' inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi ghar-ragunijiet hemm citati;
2. tillikwida d-danni fl-ammont ta' LM4513 jew somma ohra verjuri li tillikwida din il-Qorti, mhallsa mill-attur nomine u ghal liema somma jinsab surrogat fid-drittijiet tal-assikurat tieghu;
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata bhala danni.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri legali tas-17 ta' Awissu 1999, u tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Settembru 1999 u bl-imghax tat-8% fuq LM4513 mit-13 ta' Settembru 1999, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni u dawk tal-ittra ufficjali tal-lum kontra Fenici Insurance Agency Ltd., assikuraturi tal-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-30 ta' Marzu 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi r-responsabbilita' ghall-incident ilha ammessa u ghalhekk l-eccipjent ma ghandux ibati l-ispejjes ghall-istess talba, liema talba saret inutilment.

2. Illi d-danni reklamati huma eccessivi b'ammont sostanzjali u l-atturi diga gew offruti l-hlas tad-danni realment dovuti imma dawn naqsu li jaccettawhom minghajr ebda raguni valida u ghalhekk ukoll l-eccipjent m'ghandux ibati l-ispejjes ta' din il-kawza.
3. Illi gialadarba t-talba hija 'da liquidarsi' u mhux ta' somma certa l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-likwidazzjoni u cioe mid-data tas-sentenza u mhux mit-13 ta' Settembru 1999.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat in-nota ta' l-attur presentata fit-13 ta' Ottubru 2000 meta s-sorte gie ridott bis-somma ta' LM750 (seba' mija u hamsin lira) rappresentanti l-valur tar-"*wreck*"u zammha fermafis-somma ta' LM3763.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Dicembru 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Dan il-kaz jittrattat dwar talba ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni konsewgenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fil-Gzira fit-2 ta' Awissu 1999 bejn Frank Pace Bonello, l-assikurat ta' l-attur u l-konvenut. Il-kawza qed tigi istitwita mill-assikurazzjoni ta' Pace Bonello billi din hallset lill-assikurat taghha wara l-incident in vista tan-natura

‘comprehensive’ tal-polza li kienet tkopri l-vettura in kwistjoni. Ghalkemm fic-citazzjoni insibu talba ghal dikjarazzjoni ta’ responsabbilita’ da parti tal-konvenut ghall-akkadut, din mhux in kawza billi kif jidher sew minn nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut kif ukoll mill-verbal ta’ l-udjenza tat-13 ta’ Ottubru 2000, r-responsabbilita’ hi ammessa. Il-konvenut izda qed isostni li l-ammont reklamat mis-socjeta’ attrici huwa eccessiv.

Matul is-smiegh tax-xiehda tressqu zewg ragunijiet il-ghala l-konvenut qed jghid li l-ammont reklamat huwa eccessiv. Dan billi l-ammont ta’ LM4513 imsemmi fic-citazzjoni, ma jiehux in konsiderazzjoni l-ammont rikoverat mill-assikurazzjoni ghar-“*wreck”* tal-vettura ta’ Pace Bonello meta din inbieghet lill-terzi fl-istat li kienet. Effettivament din l-eccezzjoni rrizultat gustifikata u l-istess attur, fl-udjenza tat-13 ta’ Ottubru 2000 ppresenta nota li permezz taghha rriduca l-ammont indikat fic-citazzjoni bis-somma ta’ seba’ mija u hamsin lira maltin (LM750) u cioe l-ammont li s-socjeta’ attrici kienet irceviet minghand Charles Debattista fid-9 ta’ Awissu 1999 ghall-akkwist tar-“*wreck*” in kwistjoni (Vide dok AC a fol 19).

It-tieni raguni mressqa mill-konvenut in sostenn tal-eccessivita’ tal-ammont reklamat kienet li l-ammont imhallas lill-assikurat mill-attur kien eccessiv tenut kont tal-pre-accident market value tal-vettura in kwistjoni. Jirrizulta li fil-11 ta’ Awissu 1999, is-socjeta’ attrici hallset lill-assikurat taghha s-somma ta’ LM4,500 kif jidher mis-“subrogation form” ezebita mill-attur a fol 10 tal-process. Dwar dan il-pagament ix-xhud Stephen Conti, Claims Manager tas-socjeta’ attrici, qal li, skond il-polza ta’ assikurazzjoni mahruga mis-socjeta’ attrici fuq il-vettura in kwistjoni, hu kien marbut li jhallas din is-somma li kienet tirrifletti

l-"Insured Value" dikjarat mill-assikurat fil-polza. Inoltre, skond dan ix-xhud, is-somma indikata fis-schedule tal-polza mill-assikurat, kienet gusta. Kien ghalhekk li hallas dan l-ammont. Ix-xhieda imressqa mil-konvenut u senjatament Ronnie Said, Sales Manager tal-assikurazzjoni Fenici li tkopri lill-konvenut, sostna li dan l-ammont ma kienx jirrifletti l-pre-accident market value tal-vettura in kwistjoni. Hu jghid li skond s-surveyor Joseph Buttigieg, il-valur tal-karozza ta' Pace Bonello qabel l-incident ma kienx jeccedi l-LM4,200. Inoltre r-*"wreck value"* kellu jkun ta' LM800. B'hekk jigi li skond l-assikurazzjoni tal-konvenut l-ammont dovut bhala danni kellu jkun ta' cirka LM3400. B'hekk jigi li l-vera kontestazzjoni bejn il-kontendenti hi ta' tlett mija u hamsin lira maltin – cioe id-diferenza bejn l-ammont indikat fin-nota tat-13 ta' Ottubru 2000 (eccetto LM13 li presumibilment jirrapresentaw spejjes ta' survey u RAR) u dak dikjarat bhala dovut mill-assikurazzjoni tal-konvenut.

Fil-verita' din il-Qorti tosserva li l-hlas da parti tas-socjeta' attrici lill-assikurat taghha kien pjuttost mghaggel. Infatti l-assikurat thallas fi zmien disgha tijiem mill-incident. Din l-ghagla da parti tas-socjeta' attrici tiggustifika l-kumment tal-Managing Director tas-socjeta' assikuratrici tal-konvenut li "ma sarx ezami dettaljat tal-market value qabel ma sar il-hlas." Mil-banda l-ohra din il-Qorti hija sorpriza kif l-assikurazzjoni Fenici intromettiet ruhha fil-kwistjoni billi skond Ronnie Said, is-Sales Manager taghha, ma kienx hemm kopertura fuq il-vettura tal-konvenut billi kien hemm "exclusion clause" bhala rizultat ta' "drinking and driving" kif ukoll billi l-assikurat taghhom cioe il-konvenut kien hati ta' "non-disclosure" ta' incident precedenti meta applika ghall-kopertura.

B'dana kollu din il-Qorti ma tistax tiskarta l-kwistjoni rizultanti mix-xhieda ta' Ronnie Said dwar il-pre-accident value tal-vettura in kwistjoni u dan b'rispett lejn il-konvenut li ma ghandux jigi kkundannat ihallas danni in eccess ghal dawk li kkawza. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li kull arrangament li seta' kien hemm bejn l-assikurazzjoni attrici u l-assikurat taghha dwar l-ammont ta' kumpens li ghandu jinghata wara incident meta l-vettura tbati hsarat ingenti, huwa "res inter alios acta" ghall-konvenut u bl-ebda mod ma jobbliga lill-konvenut li jhallas kull ammont li l-assikurazzjoni joghgobha thallas lill-assikurat taghha.

Ghalkemm Stephen Conti, persuna kompetenti f'materja ta' assikurazzjoni, iddikjara li l-valur indikat fil-polza wara r-renewal kien "a fair value" din il-Qorti ma tistax ma tosservax li dan huwa parti interessata li qed tixhed wara l-fatt. Mil-banda l-ohra hemm l-"valuation" ta' Joseph Buttigieg (li lanqas biss ma tressaq bhala xhud) li jindika valuri differenti sew tal-"pre accident value" kif ukoll tar-"*wreck value*". B'dana kollu jidher li d-differenza bejn valutazzjoni u ohra hija minima u ghalhekk din il-Qorti ser taqsam l-ammont ta' differenza fil-valur tal-vettura qabel l-incident bin-nofs. Mentri ghal dak li huwa r-"*wreck value"* ser taccetta dak li qed tghid is-socjeta' attrici billi dan konfortat mir-ricevuta ta' min akkwista l-vettura. Jigi ghalhekk li l-ammont ta' danni dovuti jwassal ghas-somma ta' tlett elef sitt mija u tlettx-il lira maltin (LM3613.00).

Ikkunsidrat:

Il-konvenut qed isostni li huwa ma ghandux jhallas spejjes tal-kawza billi fl-ewwel lok huwa dejjem ammetta r-responsabbilita' ghall-incident u fit-tieni lok kienet saret offerta ta' ammont li ma gietx accettat.

Dwar l-ewwel kwistjoni mill-provi prodotti jirrizulta l-kuntrarju. Infatti mix-xhieda ta' Stephen Conti u ta' Dr Renato Cafai, jirrizulta li ghalkemm il-konvenut, u anke sahansitra l-assikurazzjoni tieghu, kienu interpellati biex jhallsu b'ittri legali u ufficjali, qatt ma inghatat risposta u l-ewwel darba li tirrizulta l-ammissjoni kienet fil-kawza. Ghalhekk l-attur kien gustifikat li jaghmel it-talba ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbilita'.

Illi dwar offerta ta' hlas ma saret ebda prova li fil-fatt kien hemm din l-offerta. Seta kien hemm trattativi bejn l-assikurazzjoni tal-konvenut u s-socjeta' attrici, pero' ma jirrizultax li saret xi offerta jew offerta simili ghall-ammont fuq likwidat. Wara kollox, kif gja gie osservat aktar il-fuq, l-assikurazzjoni tal-konvenut lanqas biss proprjament ma kellha x'taqsam mal-kwistjoni billi kienet qed tichad ir-responsabbilita' taghha taht il-polza ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

L-istess konvenut ma qal xejn dwar dan u illimita ruhhu ghal fatt li huwa ra l-vettura assikurata mal-attur fit-triq xi zmien wara l-incident. Dan osserva li din kienet dikjarata bhala "total loss". Din ix-xhieda donna hija ntiza biex turi li hu ma ghandux jhallas ghall-karozza "total loss" meta din tinsab fit-triq. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li, kif jidher mix-xhieda ta' Stephen Conti, d-decizjoni li l-assikurat ta' l-attur jithallas "on a total loss basis" kienet bazata fuq il-fatt li l-vettura assikurata kienet dikjarata "a constructive total loss". Dan ifisser li kienet mehtiega spiza ta' aktar minn 65% tal-valur taghha biex tissewwa u mhux li ma tissewix. Il-fatt li wara xi zmien regat kienet fit-triq huwa ghalhekk ghal kollox irrilevanti. Din l-eccezzjoni ghalhekk mhux gustifikata.

Dwar l-imghax il-konvenut qed isostni li dawn ma ghandhomx jigu komputati mid-data tal-ittra ufficjali izda se mai mid-data tas-sentenza. Din l-eccezzjoni tirrizulta gustifikata billi l-ittra ufficjali tat-13 ta' Settembru 1999 tindika ammont ta' danni zbaljat. Jirrizulta ukoll li l-ammont indikat fic-citazzjoni kien ukoll zbaljat. Kien ghalhekk mehtieg li d-danni jigu likwidati, kif del resto talab l-istess attur. Isegwi li l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data tas-sentenza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi fl-ammissjoni tal-konvenut tiddikjarah responsabbli ghall-incident imsemmi fic-citazzjoni, tillikwida d-danni attrici fis-somma ta' tlett elef sitt mija u tlettax-il lira maltin (LM3613.00), u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata in linea ta' danni bl-imghax legali mil-lum.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghal tmenin fil-mija mill-konvenut u ghoxrin fil-mija mis-socjeta' attrici.

Onor Imhallef Albert J. Magri